Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,381, 2 ta' April, 2020
Taqsima B

A.L. 123 tal-2020

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Ħlas ta' Penali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwuljanza, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Ħlas ta' Penali), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Ħlas ta' Penali), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 424.33

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) It-tieni kolonna tal-Iskeda I tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-ksur tal-liġi, liema deskrizzjoni m'għandhiex tintuża għal skop ta' interpretazzjoni tar-regolamenti ċitati, it-tielet kolonna tistabilixxi l-penali li trid titħallas, u r-raba' kolonna tirreferi għar-regolamenti li għalihom tkun qed tapplika l-penali.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Dispożizzjoni tranżitorja.

9. Kwalunkwe penali imposta u, jew proċeduri ġudizzjarji istitwiti taħt dawn ir-regolamenti, li għadhom pendenti, għandhom ikomplu jkunu regolati permezz tal-Iskedi misjuba f'dawn ir-regolamenti, qabel is-sostituzzjoni tagħhom.".

Verżjoni Elettronika

Jissostitwixxi l-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali.

4. L-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"SKEDA I

	Deskrizzjoni tal-kontravenzjoni	Penali (€)	Referenza legali
1.	Apparat tax-xogħol jew makkinarju fl-użu mhux spezzjonat, eżaminat, ittestjat u, jew iċċertifikat skont il-liġijiet tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Il-penali stipulata għandha tapplika għal kull biċċa apparat jew makkinarju li ma jkunux ġew eżaminati, ittestjati u, jew iċċertifikati fiż-żmien ordnat minn meta tkun suppost saret, u, jew fil-każi meta (i) iċ-ċertifikat rekwiżit li jintbagħat ma jkunx intbagħat, jew (ii) ma ssirx reġistrazzjoni, jew (iii) ma jinżammx reġistru.	250	Ir-referenzi legali għal din il-penali huma elenkati fi Skeda II ta' dawn ir-regolamenti.
2.	Persuna ma tiżgurax li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw.	250	L.S. 424.18
3.	Min iħaddem ma jagħmilx evalwazzjoni xierqa u suffiċjenti tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li għalihom huma esposti ħaddiema konsegwentament għall-użu ta' *Visual Display Units*.	250	L.S. 424.14
4.	Min iħaddem ma jagħmilx evalwazzjoni xierqa u suffiċjenti tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li jista' jkun hemm fuq il-post tax-xogħol qabel jingaġġa jew joffri xogħol lil xi żagħżugħ jew żagħżugħa.	250	L.S. 424.10
5.	Min iħaddem ma jagħmilx evalwazzjoni xierqa u suffiċjenti tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li jista' jkun hemm fuq il-post tax-xogħol qabel jagħti xogħol lil ħaddiema tqila, jew li tkun qed tredda', jew li tkun omm.	250	L.S. 424.11
6.	Min iħaddem jimponi jew jippermetti li jiġi impost fuq xi ħaddiem, xi ħlas jew tnaqqis fil-pagi fir-rigward ta' kwalunkwe ħaġa magħmula fl-interessi tas-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene jew assistenza fuq il-post tax-xogħol skont ir-regolamenti. Il-penali għandha tiġi imposta fuq l-organizazzjoni, irrispettivament min-numru ta' ħaddiema affettwati.	250	L.S. 424.18
7.	Ma tiġix żgurata l-ħatra ta' rappreżentanti tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà.	250	L.S. 424.18
8.	Il-bidu ta' xogħol li jkun jeħtieġ avviż minn qabel, awtorizzazzjoni jew il-preżentazzjoni ta' pjan tax-xogħol lill-Awtorità, mingħajr ma jkun attwat dak l-obbligu.	250	L.S. 424.36; L.S. 424.23

Verżjoni Elettronika

	Deskrizzjoni tal-kontravenzjoni	Penali (€)	Referenza legali
9.	Nuqqas ta' avviż ta' kull inċident li jwassal għall-mewt jew korriment gravi ta' xi persuna, jew fil-każ ta' ħaddiem fuq ix-xogħol, li jwassal lil dak il-ħaddiem li jkun inkapaċitat milli jmur għax-xogħol għal iktar minn tlett ijiem konsekuttivi. Il-penali għandha tapplika għal kull korriment mhux avżat.	250	L.S. 424.09
10.	Ma jiġux osservati l-obbligi skont l-Iskeda IV tar-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni).	250	L.S. 424.36
11.	Ħaddiema jintalbu jqandlu tagħbijiet, li minħabba fil-karatteristiċi tagħhom jew minħabba fil-kundizzjonijiet ergonomiċi ħżiena, ikunu jinvolvu riskju għall-ħaddiema partikolarment ta' korriment fid-dahar, mingħajr ma jkunu ttieħdu mill-ewwel, miżuri organizzattivi xierqa, jew mingħajr ma jkunu provduti mezzi mekkaniċi xierqa li jevitaw il-ħtieġa ta' tqandil manwali.	250	L.S. 424.17
12.	Persuna intenzjonalment jew bi traskuraġni tinterferixxi jew tuża ħażin kwalunkwe ħaġa provduta fl-interessi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.	250	L.S. 424.18
13.	In-nuqqas ta' żamma tal-eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskju bil-miktub jew b'mod li jista' jinkiseb elettronikament, fejn ikun hemm iktar minn ħames ħaddiema.	250	L.S. 424.18
14.	In-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni li tinftiehem u rilevanti, lill-ħaddiema jew lir-rappreżentanti tagħhom.	250	L.S. 424.18
15.	Ħaddiem li ma jieħux ħsieb is-saħħa u s-sigurtà tiegħu jew ta' persuni oħra b'mod li ma jkunx skont it-taħriġ u l-istruzzjonijiet li ngħata minn min iħaddmu.	250	L.S. 424.18
16.	Ħaddiema temporanji ma' jingħatawx protezzjoni adekwata tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom.	250	L.S. 424.18
17.	*Supervisor* ta' proġett ma fassalx il-pjan tas-saħħa u s-sigurtà.	250	L.S. 424.36
18.	Ħaddiema ma jikkooperawx ma min iħaddimhom u, jew mar-rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u, jew ma' ħaddiema b'responsabbiltà speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.	250	Cap. 424; L.S. 424.18
19.	Min iħaddem ma jiżgurax li fejn ikun hemm riskju ta' kuntatt mekkaniku ma' partijiet li jiċċaqilqu, li jista' jwassal għal inċidenti, dawk il-partijiet għandhom jiġu provduti b'ħarsien jew strumenti li jevitaw aċċess għal żoni perikoluży jew biex iwaqqfu l-movimenti ta' partijiet perikoluży qabel ma jintlaħqu ż-żoni perikoluży.	250	L.S. 424.35

B 802

	Deskrizzjoni tal-kontravenzjoni	Penali (€)	Referenza legali
20.	Min iħaddem ma jipprovdix apparat jew ilbies personali protettiv, u, jew ma jiżgurax li l-ħaddiema jagħmlu użu sħiħ u korrett minnhom.	250	L.S. 424.18
21.	Persuna li taħdem għal rasha ma tiħux miżuri biex tħares is-saħħa u s-sigurtà tagħha jew ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol li jkun qed isir.	250	Kap. 424
22.	Persuna tkisser jew tbagħbas xi siġill li jkun sar, jew xi apparat ta' sorveljanza li jkun ġie installat, jew li jkun ġie imqiegħed jew tħalla minn uffiċjal f'xi post tax-xogħol jew, f'każ ta' apparat ta' sorveljanza personali, fuq xi ħaddiem.	250	Kap. 424
23.	Apparat tax-xogħol li jkun mobbli jew li jista' jiġi żarmat u li kien iddisinjat biex jerfa' it-tagħbijiet, ma jintużax b'tali mod li jiżgura l-istabbiltà tal-apparat tax-xogħol.	250	L.S. 424.35
24.	*Tower* krejn mhux iċċertifikat wara l-installazzjoni u qabel ma jibda jaħdem fuq sit.	250	L.S. 424.35
25.	Apparat tax-xogħol għal irfigħ ta' tagħbijiet, imħolli b'tagħbijiet sospiżi mingħajr sorveljanza.	250	L.S. 424.35
26.	Persuna/i merfugħa mingħajr miżuri ta' sigurtà adegwati jew gaġġa li ma tkunx iċċertifikata.	250	L.S. 424.35
27.	Persuna/i merfugħa fuq *forklift truck* mingħajr apparat iċċertifikat.	250	L.S. 424.35
28.	Min iħaddem ma jagħżilx persuna jew persuni biex jassistuh fit-teħid ta' miżuri relatati ma' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol.	450	L.S. 424.18
29.	Ħaddiema li jkunu intitolati għas-sorveljanza ta' saħħithom ma jiġux provduti dik is-sorveljanza.	450	L.S. 424.18
30.	Min iħaddem ma jiħux miżuri biex: • jevita riskji ta' waqgħat mill-għoli; • jiżgura li kull tarf li minnu jista' jaqà xi ħadd ikollu reċinti xierqa/ikun imħares; • jiżgura li apparat fuq ix-xogħol jintuża kif suppost.	450	Kap. 424; L.S. 424.18
31.	Min iħaddem ma jipprovdix tagħmir adekwat għall-ewwel għajnuna u faċilitajiet adekwati u xierqa biex tkun tista' tingħata l-ewwel għajnuna lil kull min jeħtieġha f'post tax-xogħol.	250	L.S. 424.13
32.	Min iħaddem ma jiżgurax il-preżenza f'kull ħin ta' numru adekwat u xieraq ta' nies li jagħtu l-ewwel għajnuna skont iċ-ċirkostanzi, biex jagħtu l-ewwel għajnuna lil ħaddiema jekk iweġġgħu jew jimirdu fuq ix-xogħol.	250	L.S. 424.13

Verżjoni Elettronika

	Deskrizzjoni tal-kontravenzjoni	Penali (€)	Referenza legali
33.	Min iħaddem ma jipprovdix u ma jżommx kamra għall-ewwel għajnuna mgħammra kif suppost fejn ikun hemm mitejn ħaddiem jew iktar, jew fejn in-natura tal-attività jew il-frekwenza tal-inċidenti hekk titlob.	250	L.S. 424.13
34.	Persuna li taħdem għal rasha ma tipprovdix jew ma tiżgurax li jiġi provdut, apparat għall-ewwel għajnuna għaliha jew biex ħaddieħor ikun jista' jagħti l-ewwel għajnuna.	250	L.S. 424.13
35.	Ħruġ ta' emerġenza mblukkati, mhux aċċessibbli u, jew imsakkra.	250	L.S. 424.15
36.	Min iħaddem ma jiħux il-miżuri meħtieġa kontra n-nirien u għall-evakwazzjoni ta' ħaddiema f'każ ta' periklu serju u imminenti.	250	L.S. 424.15
37.	Min iħaddem ma jiżgurax il-bini u l-istabbilità ta' kull binja jew struttura.	250	L.S. 424.15
38.	Min iħaddem ma jiħux miżuri effettivi u xierqa biex jiżgura li kull post tax-xogħol, speċjalment jekk magħluq, ikun ventilat bi kwantità adekwata ta' arja friska jew purifikata, sabiex ma tiġi kkawżata l-ebda ħsara, bl-użu ta' sistemi ta' estrazzjoni, sakemm ikun raġonevolment prattikabbli, minn kwalunkwe dħaħen, trab jew impuritajiet oħrajn li jistgħu jaffettwaw ħażin is-saħħa u li jiġu ġenerati waqt proċess ta' xogħol li jkun qed isir.	250	L.S. 424.15
39.	Sinjali għas-saħħa u s-sigurtà li ma jkunux adekwati jew in-nuqqas tagħhom.	250	S.L. 424.16".

5. L-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: Jissostitwixxi l-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali.

"SKEDA II
(Għal magni jew apparat użati fuq il-post tax-xogħol)

	Tip ta' magna jew apparat	Regolament applikabbli	Frekwenza ta' Eżaminar / Ittestjar / Ċertifikazzjoni	Azzjoni li trid tittieħed minn min iħaddem
1.	Liftijiet tal-merkanzija	L.S. 424.35	Kull 6 xhur	Kopja tar-rapport tal-eżaminazzjoni għandha tintbagħat lill-Awtorità.
2.	Magni li jintużaw għall-irfigħ	L.S. 424.35	Kull 12-il xahar; Kull 6 xhur jekk jerfgħu persuni	Kopja taċ-ċertifikat tal-eżaminazzjoni għandu jinżamm disponibbli biex jiġi spezzjonat.
3.	Ktajjen, ħbula u paranki	L.S. 424.35	Kull 6 xhur	Għandu jinżamm reġistru u għandha tinżamm kopja taċ-ċertifikat għall-finijiet ta' spezzjoni.

Verżjoni Elettronika

4.	*Boilers* tal-istim	L.S. 424.35	Kull 12-il xahar, u wara li jsiru xi tiswijiet kbar	Għandha tinżamm kopja taċ-ċertifikat tal-eżaminazzjoni għall-finijiet ta' spezzjoni.
5.	Liftijiet għal persuni u liftijiet għal persuni u merkanzija	L.S. 427.63	Spezzjoni preventiva tal-liftijiet installati f'post tax-xogħol kull 6 xhur	Kopja tar-rapport tal-ispezzjoni preventiva għandha tintbagħat lill-Awtorità.
6.	Liftijiet għal persuni u liftijiet għal persuni u merkanzija	L.S. 427.63	Eżami estensiv ta' liftijiet installati f'post tax-xogħol kull 6 snin	Kopja tar-rapport tal-eżaminazzjoni estensiva għandha tintbagħat lill-Awtorità .
7.	Skali mobbli u *moving walkways*	L.S. 424.35	Eżaminazzjoni u ċertifikazzjoni tal-iskali mobbli u *moving walkways* kull 6 xhur	Kopja tar-rapport tal-eżaminazzjoni għandha tintbagħat lill-Awtorità.

".